

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 12.7.2010
SEC(2010) 841

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Dokument li jakkompanja

White Paper dwar l-Iskemi ta' Garanzija tal-Assigurazzjoni

{COM(2010)370 final}

{SEC(2010)840}

Introduzzjoni

Skemi ta' Garanzija għal Assigurazzjoni (SGA) jipprovdu protezzjoni tal-aħħar rimedju għall-konsumaturi meta l-assiguraturi ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-impenni kuntrattwali tagħhom. B'hekk jiproteġu lin-nies kontra r-riskju li l-pretensjonijiet tagħhom ma jiġux issodisfati jekk il-kumpanija tal-assigurazzjoni tagħhom ssir insolventi.

B'differenza mis-setturi bankarji u tat-titoli, is-settur tal-assigurazzjoni mhuwiex kopert minn xi leġislazzjoni Ewropea dwar skemi ta' garanzija. Fil-preżent, 12-il Stat Membru biss għandhom SGA waħda jew iktar li tkopri poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja u/jew mhux tal-ħajja, u hemm differenzi sinifikanti bejn l-iskemi nazzjonali fir-rigward ta' kif inhuma ddisinjati.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt tippreżenta analiżi tat-telfiet li jistgħu jingħaddew lid-detenturi ta' polza (jew lil kontribwenti, jekk jintervjenu awtoritajiet pubbliċi) fil-każ ta' falliment ta' ditta tal-assigurazzjoni fl-UE. Minkejja SGA eżistenti, dan jista', f'każijiet estremi, jirriżulta f'telfiet li jiġu mgħoddija lid-detenturi ta' polza tal-UE (jew lill-kontribwenti) sa massimu ta' EUR 41.3 biljun għal assigurazzjoni tal-ħajja u sa EUR 5.9 biljun fuq assigurazzjoni mhux tal-ħajja tul perjodu ta' żmien ta' sena. F'kuntest bejn il-fruntieri, it-telfiet mhux assorbiti minn SGA eżistenti jistgħu jammontaw għal massimu ta' EUR 820 miljun għal assigurazzjoni tal-ħajja u ta' EUR 140 miljun għal assigurazzjoni mhux tal-ħajja.

1. Definizzjoni tal-problema

In-nuqqas ta' arranġamenti ta' SGA fl-UE jostakola protezzjoni effikaċi u ugwali għall-konsumatur u jista' jimpedixxi l-funzjonament tas-suq intern tal-assigurazzjoni billi jista' jgħawweġ il-kompetizzjoni transkonfinali. Din il-valutazzjoni hija appoġġata mill-fatt li, minkejja l-introduzzjoni ta' reġim ta' solvenza tal-UE li huwa aktar relatat mar-riskji (Solvenza II), l-assiguraturi jistgħu jfallu, u d-detenturi ta' polza b'mod ġenerali ma jkunux jistgħu jew inkella jsibuha diffiċli ħafna biex jipproċessaw għal kollox u b'mod korrett informazzjoni relatata mar-riskji li tkun importanti u kumplessa. Hemm żewġ konsegwenzi importanti:

L-ewwel nett, telf magħmul minn ditti tal-assigurazzjoni li jfallu u li jingħadda lid-detenturi ta' polza (jew lill-kontribwenti) jista' jaffettwa lil dawn tal-aħħar b'modi differenti: f'kuntest domestiku, it-telf jista' jnaqqas il-ġid tad-detenturi ta' polza jew idgħajjef il-finanzi pubbliċi; dan jista' jnaqqas aktar il-fiduċja tal-konsumaturi fis-swieq tal-assigurazzjoni u finanzjarji, li fl-aħħar mill-aħħar jista' jnaqqas ir-ritmu tal-ekonomija reali u jfixxkel is-swieq finanzjarji. Fil-kuntest bejn il-fruntieri speċifiku tal-UE, telfiet rilevanti jistgħu jnaqqsu wkoll il-fiduċja tal-konsumaturi fis-Suq Intern u saħansitra jistgħu jagħtu bidu għal tilwim potenzjali bejn l-Istati Membri dwar l-allokazzjoni tat-telfiet ta' assiguraturi falluti.

It-tieni nett, in-nuqqas ta' qbil bejn il-preferenzi tar-riskji tal-konsumaturi u r-riskju ta' inadempjenza għall-assiguraturi jwassal għal allokazzjoni subottimali tal-ispejjeż relatati mal-falliment tal-assigurazzjoni, jew lil konsumaturi mhux konsapevoli jew lil kontribwenti. Dan jimplika wkoll li jkun hemm ir-riskju ta' tgħawwiġ kompetittiv bejn l-assiguraturi fis-Suq Intern tal-UE.

2. Analiżi tas-sussidjarjetà

Azzjoni mill-UE biss tista' tiżgura li d-detenturi kollha ta' polza u l-benefiċjarji kollha li jakkwistaw poloz tal-assigurazzjoni fl-UE jibbenefikaw minn protezzjoni ugwali u komprensiva fil-każ li ditta tal-assigurazzjoni ssir inadempjenti. Azzjoni tal-UE tiżgura wkoll kundizzjonijiet ugwali għall-assiguraturi u b'hekk tippromwovi aktar integrazzjoni fi ħdan is-Suq Intern tal-UE. F'bosta oqsma (eż. kopertura, ambitu ġeografiku, u finanzjament), l-Istati Membri waħidhom ma jistgħux jarmonizzaw biżżejjed il-karatteristi ta' disinn tas-SGA differenti tagħhom; għaldaqstant, dan jista' jintlaħaq aħjar f'livell tal-UE.

3. Għanijiet

L-għanijiet kumplessivi ta' azzjoni tal-UE fuq s-SGA huma, l-ewwelnett, li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni għad-detenturi ta' polza u għall-benefiċjarji, li jnaqqas biżżejjed ir-riskju ta' telf sostanzjali għad-detenturi ta' polza jew għal kontribwenti li jirriżulta minn nuqqas ta' hłas ta' pretensjonijiet mill-assiguraturi. It-tieninett, azzjoni tal-UE għandha tikkontribwixxi għall-istabiliment ta' livell ugwali ta' protezzjoni għad-detenturi ta' polza, li jistgħu jakkwistaw prodotti tal-assigurazzjoni minn assicuraturi domestiċi jew barranin fi ħdan l-UE, sabiex jitħaddan il-funzjonament effikaċi tas-Suq Intern għal servizzi tal-assigurazzjoni.

Barra minn hekk, l-azzjoni relevanti għandha sservi għanijiet aktar ġenerali bħall-evitar ta' distorzjonijiet kompetittivi, tnaqqis ta' inċentivi avversi, l-iżgurar tal-kosteffiċenza u l-iżgurar ta' fiduċja fi u l-istabilità tas-suq.

4. Alternattivi politiċi

Ir-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt jeżamina u jiddiskuti sensiela ta' alternattivi politiċi għall-istabiliment ta' qafas koerenti għal azzjoni tal-UE fuq il-protezzjoni permezz ta' SGA għad-detenturi ta' polza u għall-benefiċjarji fuq il-bażi ta' armonizzazzjoni minima.

Ambitu ta' intervent possibbli tal-UE

Li ma jsir xejn ifisser li l-Istati Membri jkomplu jieħdu approċi nazzjonali differenti ferm għas-SGA, inkluż nuqqas totali ta' SGA f'xi Stati Membri. Dawn id-differenzi jiġġeneraw livelli mhux ugwali u livelli mhux suffiċjenti ta' protezzjoni għad-detenturi ta' polza f'għadd ta' Stati Membri.

Filwaqt li jsaħħu superviżjoni prudenzjali, parzjalment billi jintroduċu aktar rekwiżiti ta' solvenza bbażati fuq ir-riskju u sistema robusta ta' governanza, għandhom jippermettu lill-assiguraturi sabiex jimmaniġjaw ir-riskji tagħhom b'mod korrett u professjonali, dawn il-mekkaniżmi ma jistgħux jiggwarantixxu ambjent ta' mingħajr falliment.

L-iżgurar li d-detenturi ta' polza jkunu infurmati aħjar (dwar l-eżistenza ta' SGA u l-livell ta' protezzjoni li tippovdi) jista', fil-prinċipju, jgħin lid-detenturi ta' polza sabiex jagħżlu bejn l-assiguraturi. Ikunu jistgħu jqabblu mhux biss il-prezzijiet tal-poloż offruti minn kumpaniji differenti iżda wkoll il-kwalità tagħhom (f'termini tar-riskju li l-kumpanija ssir insolventi). Madankollu, l-adozzjoni ta' approċ *caveat emptor* hija mistennija li tkun mill-aktar ineffikaċi minħabba l-inkonsapevolezza tad-detenturi ta' polza u d-diffikultà biex tiġi pproċessata b'mod korrett informazzjoni importanti iżda kumplessa relatata mar-riskji. Għalkemm miżuri ta' trasparenza mtejba fuq livell tal-UE jistgħu jżidu r-relazzjonijiet ibbażati fuq il-fiduċja bejn id-detenturi ta' polza u l-assiguraturi, huwa madankollu ferm improbabbli li l-maġġoranza l-kbira tad-detenturi ta' polza jifhmu b'mod sħiħ u jipproċessaw kif xieraq l-informazzjoni kumplessa relatata mar-riskji li huma jircieivu.

L-għoti ta' prijorità legali lill-konsumaturi matul proċeduri ta' stralċ iġib miegħu ir-riskju li l-assi ma jkunux biżżejjed biex jipproteġu lid-detenturi ta' polza, u dan jagħti lok għall-inċertezza dwar jekk jiġux ikkompensati jew le. Barra minn hekk, il-proċeduri ta' stralċ għandhom it-tendenza li jieħdu fit-tul u li jiswew ħafna flus.

Garanziji impliċiti u espliċiti maħruġin mill-awtoritajiet pubbliċi għandhom l-iżvantaġġ ovvju li jużaw il-flus tal-kontribwenti u b'hekk jaffettwaw il-finanzi pubbliċi.

Għal raġunijiet statistiċi, livell għoli ta' sigurtà għall-konsumaturi jista' normalment jintlaħaq bl-aħjar mod billi jingħaqdu rekwiżiti ta' solvenza relattivament baxxi ma' skema ta' garanzija milli jkun hemm rekwiżiti ta' solvenza relattivament għoljin mingħajr skema ta' garanzija. Skema ta' garanzija tista' fil-fatt 'tiċċentralizza' l-kopertura tat-telfiet li jaqbżu s-solvenza tal-kumpanija (*tail risk*) b'hekk tnaqqas il-varjabilità ta' dawn it-telfiet (u bħala konsegwenza l-iffinanzjar meħtieġ għall-assorbiment tagħhom) jekk għadd kbir ta' assiguraturi jieħdu sehem fl-iskema. Barra minn hekk, skema ta' garanziji tista' xxerred l-iffinanzjar meħtieġ biex tkun ipprovduta protezzjoni kontra telfiet fost għadd kbir ta' konsumaturi u għaldaqstant tipprovdri l-istess livell ta' protezzjoni bi prezz iktar baxx.

Daqs tal-garanzija (ħtiġijiet ta' finanzjament ta' SGA)

Il-fond fil-mira ta' SGA huwa influwenzat minn bosta parametri, li fosthom, tnejn jidhru li huma l-iktar importanti: il-probabilità ta' inadempjenza tal-assiguraturi u l-livell ta' sigurtà fil-mira għad-detenturi ta' polza. L-evidenza tissuġġerixxi li l-probabilità ta' inadempjenza tal-assiguraturi, b'mod ġenerali tvarja bejn 0.1 % u 0.5 % jiddependi fuq il-kundizzjonijiet tas-suq. Apparti l-probabilità ta' inadempjenza tal-assiguraturi, ħtiġijiet tas-SGA għal iffinanzjar jew għotjiet finanzjarji huma influwenzati l-iktar bil-livell ta' sigurtà pprovdut lill-konsumaturi: ogħla ma tkun is-sigurtà pprovduta minn SGA, ogħla jkunu l-għotjiet finanzjarji tagħha jew il-ħtiġijiet ta' fondi tagħha. Għaldaqstant, deċiżjoni ewlenija hija l-livell ta' sigurtà li SGA tkun mistennija li tipprovdri lid-detenturi ta' polza. Skont il-konklużjonijiet preliminari tal-Kummissjoni, l-alternattiva ppreferuta tiżgura livell għoli ta' protezzjoni skont kundizzjonijiet normali tas-suq filwaqt li tiżgura wkoll livell għoli biżżejjed ta' protezzjoni fi żminijiet ta' tensjoni fis-suq.

Strument naturali u legali ta' azzjoni possibbli tal-UE fuq SGA

Rimedju għan-nuqqasijiet attwali permezz ta' strumenti ta' 'liġi mhux vinkolanti' bħal rakkomandazzjonijiet, komunikazzjonijiet, linji gwida u kodiċi ta' kondotta, jista' jkun alternattiva flessibbli għal impenni legali immedjati. Madankollu, minħabba li dawn ma għandhomx saħħa legali vinkolanti, dawn jiddependu fuq impenn volontarju mill-Istati Membri. Anki jekk l-Istati Membri jkunu jridu jobdu l-linji gwida proposti, hemm ir-riskju li l-proċess ta' konverġenza nazzjonali jkun wieħed li jieħu fit-tul, u dan jista' jipproduċi riżultati mhux koordinati.

Minflok, l-introduzzjoni ta' approċġ għas-SGA li jkun mifruq mal-UE kollha u li jkun vinkolanti legalment, hija iktar probabbli li tiżgura l-introduzzjoni ta' sett ta' regoli koerenti u armonizzati sabiex jipproteġi lid-detenturi ta' polza u lill-benefiċjarji fl-UE. Minħabba l-komplessità ta' din il-kwistjoni, Direttiva tal-UE hija preferibbli għal Regolament tal-UE, minħabba li tagħti aktar flessibilità lill-Istati Membri.

L-ambitu tal-armonizzazzjoni

Hemm bosta modi kif SGA tista' tiġi ddisinjata. Minħabba n-nuqqas ta' xi leġislazzjoni tal-UE s'issa u minħabba l-ambjent eżistenti, frammentat ħafna tal-protezzjoni tas-SGA fl-Unjoni, il-Kummissjoni tappoġġja approċ tal-UE bbażat fuq armonizzazzjoni minima. Fi kliem ieħor, jeħtieġ li jiġi organizzat sett minimu ta' karatteristiċi fi ħdan qafas koerenti tal-UE:

Livell ta' ċentralizzazzjoni: SGA għandha tinħoloq fuq livell nazzjonali jew fuq livell Ewropew?

Rwol: SGA għandha topera bħala mekkaniżmu tal-aħħar rimedju jew għandu jkollha rwol usa'?

Ambitu ġeografiku: SGA għandha topera fuq il-prinċipju tal-istat domiċiljari jew ospitanti (jew fuq taħlita tat-tnejn)?

Poloz koperti: liema klassijiet ta' assigurazzjoni (tal-ħajja, mhux tal-ħajja, eċċ.) għandhom ikunu koperti mil-SGA?

Atturi eleġibbli: liema atturi (persuni fiżiċi, persuni ġuridiċi, eċċ.) għandhom jibbenefikaw minn SGA?

Għażla ta' żmien għall-iffinanzjar: s-SGA għandha tiġi ffinanzjata *ex ante* jew *ex post* (bil-quddiem jew wara avveniment, jew taħlita tat-tnejn)?

Natura ta' intervent ta' skema: s-SGA għandha tirrifondi pretensjonijiet, jew għandha tkun imfassla wkoll biex tiżgura l-kontinwità tal-poloż?

Fuq il-bażi tal-analiżijiet preliminari ta' din il-Valutazzjoni tal-Impatt, il-preferenzi tentattivi tal-Kummissjoni għal azzjoni tal-UE fuq il-protezzjoni tas-SGA jinkludu l-alternattivi li ġejjin:

Livell ta' ċentralizzazzjoni: SGA fl-Istati Membri kollha tidher li hija l-alternattiva l-aktar ippreferuta, minħabba, b'mod partikolari l-konsistenza tagħha mal-qafas superviżorju mikroprudenzjali nazzjonali eżistenti;

Rwol: ir-rwol ta' SGA għandu jkun dak ta' mekkaniżmu ta' protezzjoni tal-aħħar rimedju;

Ambitu ġeografiku: il-'prinċipju tal-istat domiċiljari' jidher li huwa l-alternattiva politika ppreferuta, minħabba l-konsistenza tagħha mal-qafas superviżorju eżistenti;

Poloz koperti: il-kopertura ta' poloż tal-ħajja u mhux tal-ħajja tiżgura protezzjoni komprensiva għad-detenturi ta' polza u għall-benefiċjarji. Jista' jkun hemm argumenti tajbin għaliex tiġi limitata protezzjoni minn SGA għal klassijiet speċifiċi ta' politiki ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja biss; madankollu, għal raġunijiet ta' prattiċità u ġustizzja, jista' jkun diffiċli li l-kopertura tas-SGA tinqasam f'wisq sottoreġimi.

Atturi eleġibbli: il-kopertura ta' persuni fiżiċi u ta' persuni ġuridiċi magħżula (inkluż SMEs) hija probabbli li tkun l-aqwa bilanċ bejn l-għanijiet ta' protezzjoni komprensiva għall-konsumatur u l-kosteffikaċja.

Għażla ta' żmien għall-iffinanzjar: bħala regola ġenerali, SGA għandhom jiġu ffinanzjati *ex ante* sabiex il-fondi jkunu disponibbli dak il-ħin u sabiex ikunu evitati kwistjonijiet ta' periklu morali. Barra minn hekk, huwa iktar probabbli li b'dan tiġi evitata l-proċikliċità assoċjata mal-iskemi ffinanzjati *ex post*. Fil-każ ta' bżonn, il-fondi jistgħu jiġu kkumplementati b'kontribuzzjonijiet *ex post*.

Natura tal-intervent tal-iskema: Il-Kummissjoni tħeġġeġ ħafna t-trasferiment ta' portafoll fejn ikun prattikabbli b'mod raġonevoli li jsir dan u ġustifikabbli f'termini ta' kost u benefiċċju. Madankollu, il-protezzjoni tal-aħħar rimedju għall-konsumatur fil-każ ta' falliment ta'

assigurazzjoni għandha tkun żgurata. Jekk jiġu eżawriti l-mezzi l-oħrajn kollha, s-SGA għandha għallinqas tikkumpensa lid-detenturi ta' polza u lill-benefiċjarji għat-telfiet li jġarrbu.

L-alternattivi prinċipali identifikati bħala preferibbli mill-Kummissjoni sejrjn ikunu soġġetti għal konsultazzjoni tal-partijiet interessati kollha inkluż l-Istati Membri. Dawn ser jiġu mistiedna jissottomettu kummenti sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tirrivaluta u possibbilment taġġorna s-sejbiet inizjali tagħha dwar l-alternattivi politiċi varji. Valutazzjoni tal-impatt addizzjonali sejra takkompanja l-proposti li jirriżultaw, tanalizza f'aktar dettall l-alternattivi varji għall-karatteristiċi tad-disinn tas-SGA, u finalment sejra tagħżel il-kombinazzjoni ottimali għal qafas politiku koerenti għall-protezzjoni mils-SGA madwar l-UE kollha.

5. Impatti mistennija

Detenturi ta' polza

Azzjoni meħuda fuq livell tal-UE tista' tkun mistennija li tkun ta' benefiċċju għal detenturi ta' polza billi iżżid il-protezzjoni tagħhom fil-każ li assiguratari ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-impenni tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-introduzzjoni ta' SGA madwar l-UE kollha iġġib magħha wkoll spejjeż għad-detenturi ta' polza, minħabba li l-assiguratari jgħaddu parti mill-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-konsumaturi, u dan iżid il-primjums.

Biex dan il-punt jiġi ċċarat: jekk pereżempju (meta mqabbel ma' sitwazzjoni fejn ma teżisti l-ebda SGA), jiġu stabiliti SGA f'kull Stat Membru, fuq il-bażi tal-prinċipju tal-istat domiċiljari u li jkopru l-poloż ta' assiguratari tal-ħajja u mhux tal-ħajja, (sad-99 perċentili u fuq il-bażi ta' xenarju ta' PD=0.1%), dan ikun jeħtieġ li d-detenturi ta' polza tal-UE jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' fondi li jammontaw għal EUR 13-il biljun. Fil-preżent, dan jikkorrispondi għal 1.24% tal-primjums grossi kontabilizzati annwali. Jekk dan il-livell fil-mira jiġi applikat fuq, pereżempju, perjodu ta' 10 snin, dan jittraduċi ruħu f'kontribuzzjoni annwali ta' 0.124% tal-primjums grossi kontabilizzati minn kull kumpanija/detentur ta' polza li tikkontribwixxi.

Dawn il-fondi għandhom jitqiesu bħala primjums addizzjonali li d-detenturi ta' polza jħallsu sabiex jassiguraw ruħhom kontra l-insolvenza tal-assiguratatur tagħhom. Il-pagamenti magħmula minn kull detentur ta' polza jistgħu jitqiesu li jkunu bejn wieħed u ieħor ekwivalenti għall-valur mistenni tat-telfiet li huma jevitaw fil-każ li l-assiguratatur tagħhom isir inadempjenti.

Il-kost finanzjarju għad-detenturi ta' polza sabiex iħallsu dawn l-ammonti bil-quddiem jista' jinħadem billi wieħed jassumi kost tal-kapital ta' 6% (b'mod konformi mal-istudji kwantitattivi tal-impatt ta' Solvenza II). Għal SGA b'dotazzjoni ta' finanzjament ta' 1.24% tal-primjums annwali, dan jittraduċi ruħu f'kost finanzjarju ta' 0.08% tal-primjums grossi kontabilizzati annwali.

Il-kumpanniji tal-assigurazzjoni

Azzjoni tal-UE fuq SGA taffettwa lill-assiguratari b'modi differenti, jiddependi fuq jekk joperawx fi Stati Membri li diġà għandhom SGA jew le. F'pajjiżi fejn għadha ma ġiet stabilita l-ebda SGA, l-introduzzjoni ta' skema bħal din teħtieġ lill-assiguratari nfushom sabiex iħallsu għall-kontribuzzjonijiet, jekk huma ma setgħux jgħaddu dawn l-ispejjeż addizzjonali fuq il-konsumaturi.

Għall-assiguraturi, b'differenza mid-detenturi ta' polza, dawn il-kontribuzzjonijiet jikkostitwixxu kost finanzjarju fihom infushom (u mhux pagament bikri), minħabba li telfiet li jolqtu lill-assiguraturi fil-każ ta' falliment jiddependu biss fuq il-kapital u mhux fuq il-primjums imħallsa.

Kontribwenti

L-introduzzjoni ta' SGA fl-Istati Membri kollha tista' tkun mistennija li tkun ta' benefiċċju għall-kontribwenti billi tnaqqas il-ħtieġa li joħroġu minn buthom fil-każ tal-inadempjenza tal-assiguraturi. Fuq il-bażi tal-eżempju prattiku stabilitt hawn fuq, b'dan il-kontribwenti jiffranka sa EUR 13 biljun fil-perjodu msemmi. Azzjoni tal-UE fuq SGA taffettwa lil kontribwenti b'modi differenti, jiddependi fuq jekk ikunx residenti fi Stat Membru li diġà għandu SGA jew le.

Skemi eżistenti ta' SGA

Azzjoni tal-UE taffettwa s-SGA eżistenti sal-punt li l-qafas stabilitt fuq livell tal-UE jkun differenti mill-qafas nazzjonali tas-SGA diġà fis-seħħ.

Ħafna SGA eżistenti jiġu affettwati f'termini tad-daqs tal-fondi u xi wħud minnhom ikollhom jintroduċu wkoll elementi ta' finanzjament *ex ante*. Xi skemi jkunu jeħtieġu jimmodifikaw l-ambitu ġeografiku tagħhom u jibdew joperaw fuq il-bażi tal-prinċipju ta' stat domiċiljari. Xi SGA eżistenti jkunu meħtieġa jkabbbru l-ambitu tal-protezzjoni tagħhom għal assigurazzjoni tal-ħajja jew li jespandu d-definizzjoni tagħhom ta' atturi eleġibbli.

Intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs)

Azzjoni meħuda fuq livell tal-UE tista' tkun mistennija li tkun ta' benefiċċju għal negozji żgħar billi iżjed il-protezzjoni tagħhom fil-każ li assicuraturi ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-impenni tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-introduzzjoni ta' protezzjoni SGA għall-SMEs madwar l-UE kollha jkollha impatt fuq l-SMEs, minħabba li l-assiguraturi jgħaddu parti mill-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-SMEs, u dan iżjed il-primjums tagħhom. Il-pagamenti pprovduti minn kull SME jistgħu jitqiesu li jkunu bejn wieħed u ieħor ekwivalenti għall-valur mistenni tat-telfiet li huma jevitaw fil-każ tal-inadempjenza tal-assiguratatur tagħhom. Barra minn hekk, l-impatt fuq SMEs jiddependi fuq jekk ikunux diġà protetti minn xi SGA eżistenti fl-oqfsa nazzjonali varji.

Awtoritajiet superviżorji

L-awtoritajiet superviżorji fl-Istati Membri li jkun għad ma jkollhomx SGA implimentata jistgħu jinvolvu ruħhom fl-istabiliment tagħhom u possibbilment, jistgħu jibdew imexxuhom ukoll, filwaqt li daww l-awtoritajiet li diġà għandhom SGA ikollhom jiżguraw li l-iskema tagħhom tkun konformi mal-karatteristiċi tad-disinn proposti. Analiżi aktar dettaljata tal-impatt dwar l-awtoritajiet superviżorji sejra titqies fil-valutazzjoni tal-impatt li takkompanja s-segwitu għall-Ktiba Bajda.

Impatt internazzjonali

L-impatt fuq assicuraturi minn pajjiżi terzi jista' jkun mistenni li jibqa' l-istess bħal dak fuq assicuraturi tal-UE-ŻEE.

L-ambjent

L-impatti ambjentali huma mistennija li jkunu marġinali.

L-ekonomija

L-alternattivi politiċi proposti huma mistennija li jiġġeneraw żewġ vantaġġi prinċipali għall-ekonomija. L-ewwel nett, jiżguraw kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd u dan jevita tgħawwiġ fil-kompetizzjoni bejn assiguratari domestiċi u mhux domestiċi. It-tieni nett, huma jnaqqsu r-riskju ta' allokkazzjoni ta' telfiet fuq id-detenturi ta' polza u fuq kontribwenti b'mod subottimali.

Benessri Soċjali

L-alternattivi politiċi proposti jtejbju l-benessri soċjali permezz ta':

- żieda fil-protezzjoni tad-detenturi ta' polza;
- inqas użu minn flus il-kontribwenti;
- ridistribuzzjoni mtejbja ta' telfiet minn inadempjenzi tal-assigurazzjoni.

6. Miżuri ta' segwitu

Il-Valutazzjoni tal-Impatt tappoġġja biċ-ċar soluzzjoni tal-UE li tkun vinkolanti għal protezzjoni tas-SGA fuq il-bażi ta' armonizzazzjoni minima.

Tiddefinixxi l-alternattivi ppreferuti tal-Kummissjoni, li sejrjn jiġu stabiliti b'mod ċar fil-Ktiba Bajda dwar l-Iskemi ta' Garanzija għal Assigurazzjoni. Il-Kummissjoni sejra titlob lill-partijiet interessati kollha sabiex jipprovdu l-opinjoni tagħhom fuq dawn l-alternattivi. Il-Kummissjoni sejra tevalwa r-reazzjonijiet li tirċeivi b'mod ċar u sejra tqis dawn ir-reazzjonijiet meta tiġi biex tippreżenta l-proposta leġiżlattiva. Il-proposta leġiżlattiva sejra tkun akkompanjata minn valutazzjoni tal-impatt oħra.

Azzjonijiet ta' monitoraġġ speċifiċi sejrjn jiġu identifikati f'dak l-istadju.